IV

(Atti oħrajn)

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 1/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standard, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 [1].

(2) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 [2].

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1882/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' nitrati fl-oġġetti ta' l-ikel [3] għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fl-oġġetti ta' l-ikel [4] għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE tal-21 ta' Mejju 2007 dwar linji ta' gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju l-pjan ta' kontroll waħdieni integrat multiannwali nazzjonali previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

---

[1] ĠU L 124, 8.5.2008, p. 11.
[2] ĠU L 124, 8.5.2008, p. 15.
[3] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 25.
[4] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29.
[5] ĠU L 138, 30.5.2007, p. 24.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 333/2007 jirrevoka d-Direttivi tal-Kummissjoni 2001/22/KE [1], 2004/16/KE [2] u 2005/10/KE [3], li huma inklużi fil-Ftehim u li għalhekk se jiġu rrevokati taħt il-Ftehim.

(7) Din id-deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

(8) Fir-rigward ta'l-Kapitolu I ta' l-Anness I, din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda bil-perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitoli 1 ta' Anness 1 għall-oqsma li ma kinux japplikaw għall-Iżlanda qabel ma ġie rivedut dan il-Kapitolu mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 138 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/142/KE) fil-Parti 1.2 ta' Kapitlu I:

"139. **32007 D 0363**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE tal-21 ta' Mejju 2007 dwar linji ta' gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju l-pjan ta' kontroll waħdieni integrat multiannwali nazzjonali previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 24)."

2. Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 31m (Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' Kapitlu II:

"31n. **32007 D 0363**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE tal-21 ta' Mejju 2007 dwar linji ta' gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju l-pjan ta' kontroll waħdieni integrat multiannwali nazzjonali previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 24)."

Artikolu 2

L-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 54zzzn (ir-Regolament tal- Kummissjoni (KE) Nru 1883/2006) ta' Kapitlu XII:

"54zzzo. **32006 R 1882**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1882/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' nitrati fl-oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 25).

54zzzp. **32007 R 0333**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fl-oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29).

54zzzq. **32007 D 0363**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE tal-21 ta' Mejju 2007 dwar linji ta' gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju l-pjan ta' kontroll waħdieni integrat multiannwali nazzjonali previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 24)."

2. It-test tal-punti 54zj (Direttiva tal-Kummissjoni 2001/22/KE), 54zzn (Direttiva tal-Kummissjoni 2004/16/KE) u 54zzs (Direttiva tal-Kummissjoni 2005/10/KE) tal-Kapitlu XII għandhom jiġu mħassra.

[1] ĠU L 77, 16.3.2001, p. 14.
[2] ĠU L 42, 13.2.2004, p. 16.
[3] ĠU L 34, 8.2.2005, p. 15.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1882/2006 u 333/2007 u d-Deċiżjoni 2007/363/KE, fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2008, bil-kundizzjoni li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2007 tas-26 t'Ottubru 2007, liema minnhom ikun l-aktar tard.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.